# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Lulju 2010

## il-valutazzjoni tar-riskju tan-nuqqasijiet li jinstabu waqt spezzjonijiet tekniċi (ta' vetturi kummerċjali) fit-triq skont id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2010/379/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-interess tas-sikurezza fuq it-toroq, il-ħarsien ambjentali u l-kompetizzjoni ġusta huwa importanti li jiġi żgurat li l-vetturi kummerċjali li jintużaw jinżammu u jiġu spezzjonati kif xieraq, sabiex meta jkunu qed jiċċirkulaw fl-Unjoni Ewropea l-prestazzjoni tagħhom fit-traffiku tibqa' sikura.

(2) Barra mill-istandards u l-metodi msemmija fid-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq [1], għandhom jiddaħħlu linji gwida għall-valutazzjoni tan-nuqqasijiet elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva ħalli s-sistema tiġi armonizzata aktar u jiġi evitat trattament differenti waqt l-ispezzjonijiet tekniċi fit-triq.

(3) Għandhom jiddaħħlu tliet kategoriji li jirriflettu s-serjetà tan-nuqqasijiet.

(4) Kull kategorija ta' nuqqas għandha tiddeskrivi l-konsegwenzi tal-użu tal-vettura f'dik il-kundizzjoni,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw in-nuqqasijiet misjuba waqt l-ispezzjonijiet fit-triq ta' kemm vettura hija tajba għat-triq skont il-linji gwida stipulati fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Siim KALLAS

*Viċi President*

[1] ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1.

*ANNESS*

**Linjigwida għall-valutazzjoni tad-difetti u n-nuqqasijiet**

Fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE, dan id-dokument jelenka linjigwida li l-Istati Membri huma rrakkomandati japplikaw għall-valutazzjoni tad-difetti (definiti bħala kemm difetti tekniċi u dawk ta' nuqqas ta' konformità) li jinsabu waqt spezzjonijiet tekniċi ta' mat-triq ta' vetturi.

Id-difetti huma kklassifikati kif ġej:

DIFETTI MINURI (MiD)

DIFETTI MAĠĠURI (MaD)

DIFETTI PERIKULUŻI (DD)

Kull kategorija ta' difetti għandha tiġi ddefinita b'referenza għall-kundizzjonijiet tal-vettura kif ġej:

DIFETTI MINURI

Difetti tekniċi li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura u dawk minuri ta' nuqqas ta' konformità. Il-vettura ma teħtieġx terġa' tiġi eżaminata billi huwa mistenni b'mod raġonevoli li d-difetti misjuba jitranġaw bla dewmien.

DIFETTI MAĠĠURI

Difetti li jistgħu jipperikolaw is-sikurezza tal-vettura u/jew ipoġġu utenti oħrajn tat-triq f'riskju u nuqqasijiet oħrajn ta' konformità aktar sinifikanti. Il-vettura teħtieġ tissewwa kemm jista' jkun malajr u l-użu aħħari jista' jkun soġġett għal restrizzjonijiet u kundizzjonijiet, pereżempju l-vettura jrid isirilha spezzjoni oħra jekk hix tajba għat-triq.

DIFETTI PERIKULUŻI

Difetti li jikkostitwixxu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza tat-triq. Użu aħħari tal-vettura fit-triq mhux permess, għalkemm xi drabi jista' jkun permess li tinsaq taħt kundizzjonijiet speċifikati direttament għal lokalità speċifika, pereżempju għal tiswija immedjata jew sekwestru tal-vettura.

Vettura li għandha difetti li jaqgħu taħt aktar minn grupp wieħed ta' difetti għandha tiġi kklassifikata skont id-difett l-aktar serju. Vettura li għandha ħafna difetti tal-istess grupp tista' tiġi kklassifikata fil-grupp l-iktar serju ta' wara jekk l-effetti kkumbinati tagħhom jirriżultaw f'vettura aktar perikuluża.

Għal difetti li jistgħu jiġu kklassifikati f'aktar minn kategorija waħda, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-ispettur li jwettaq l-eżami li jikkategorizza d-difetti skont is-serjetà tagħhom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip fil-waqt tal-ewwel reġistrazzjoni jew meta tintuża l-ewwel darba għandhom jitqiesu matul il-valutazzjoni tad-difetti. Minkejja dan, xi difetti jitranġaw permezz ta' twaħħil ta' tagħmir aktar żviluppat minn tal-vettura oriġinali.

**Rekwiżiti għal valutazzjoni**

In-nuqqasijiet huma eżempji ta' difetti tekniċi jew nuqqasijiet oħra ta' konformità li jistgħu jinstabu.

| Oġġett | | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| **1. TAGĦMIR TAL-BREJKIJIET** | | | | | |
| 1.1. | Il-kundizzjoni mekkanika u t-tħaddim | | | | |
| 1.1.1. | Il-pern tal-liver manwali/pedala tas-service brake | (a) Il-pern issikkat wisq. | | X | |
| | | (b) Ittiekel jew laxk wisq. | | X | |
| 1.1.2. | Il-kundizzjoni tal-pedala/liver manwali, u l-muviment komplet tal-istrument li jopera l-brejkijiet | (a) Muviment żejjed jew riżerva insuffiċjenti ta' muviment. | | X | |

| Oġġett | | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| | | (b) Il-kontroll tal-brejkijiet ma jirrillaxxax kif suppost. | X | X | |
| | | (c) Id-dispożizzjoni kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet mhix hemm, laxka, jew ittieklet bl-użu. | X | | |
| 1.1.3. | Il-pompa tal-vakwu jew il-kumpressur u l-akkumulaturi | (a) Il-pressjoni tal-arja/vakwu hija insuffiċjenti biex tassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-mezz ta' twissija jkun iffunzjona (jew il-gauge juri qari perikuluż). | | X | X |
| | | (b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu tilħaq il-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti ([a]). | | X | |
| | | (c) Il-valv ta' protezzjoni ta' sistema multi-circuit jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdimx. | | X | |
| | | (d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu. | | X | |
| | | (e) Ħsara esterna li x'aktarx taffettwa t-tħaddim tas-sistema tal-brejkijiet. | | X | X |
| 1.1.4. | Gauge jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxx | Il-gauge jew l-indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. | X | X | |
| 1.1.5. | Il-valv manwali ta' kontroll tal-brejkijiet | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel wisq. | | X | |
| | | (b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sod. | | X | |
| | | (c) Konnessjonijiet laxki jew tnixxijiet fis-sistema. | | X | |
| | | (d) Tħaddim mhux sodisfaċenti. | | X | |
| 1.1.6. | Il-mezz li jattiva l-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-liver, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar, il-brejk elettroniku tal-ipparkjar | (a) Ir-ratchet mhux jorbot sew. | | X | |
| | | (b) Il-pern tal-liver jew il-mekkaniżmu tar-ratchet ittiekel wisq. | X | X | |
| | | (c) Muviment eċċessiv tal-liver li jindika aġġustament mhux korett. | | X | |
| | | (d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx. | | X | |
| | | (e) Tħaddim ħażin, l-indikatur ta' twissija jaħdem ħażin. | | X | |
| 1.1.7. | Valvi tal-brejkijiet (foot valves, un-loaders, governors) | (a) Il-valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja. | | X | X |
| | | (b) Skarika eċċessiva ta' żejt mill-kumpressur | X | | |
| | | (c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | | (d) Skarika jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. | | X | X |

| Oġġett | | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 1.1.8. | Couplings għall-brejkijiet tat-trejlers (pnewmatiċi u tal-elettriku | (a) Vit jew self-sealing valve difettuż. | X | X | |
| | | (b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | X | X | |
| | | (c) Tnixxijiet eċċessivi. | | X | X |
| | | (d) Ma jaħdmux sew. | | X | X |
| 1.1.9. | Tank tal-pressjoni fejn takkumula l-enerġija | (a) It-tank bil-ħsara, imsaddad jew joqtor. | X | X | |
| | | (b) L-apparat tat-tbattil ma jaħdimx. | X | X | |
| | | (c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| 1.1.10. | Is-servo unit difettuż jew mhux effettiv. | (a) Is-servo unit difettuż jew mhux effettiv. | | X | |
| | | (b) Il-mastruċilindru difettuż jew joqtor. | | X | X |
| | | (c) Il-mastruċilindru mhux imwaħħal sod. | | X | X |
| | | (d) Il-fluwidu tal-brejkijiet huwa insuffiċjenti. | X | X | |
| | | (e) It-tapp tat-tank tal-mastruċilindru nieqes. | X | | |
| | | (f) il-bozza tat-twissija tal-fluwidu tal-brejkijiet mixgħula jew difettuża. | X | | |
| | | (g) Il-mezz li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet huwa ħażin ma jaħdimx sew. | X | | |
| 1.1.11. | Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | X | X |
| | | (b) Pajpijiet jew konnessjonijiet li joqtru. | | X | X |
| | | (c) Pajpijiet bil-ħsara jew imsadda eċċessivament. | | X | X |
| | | (d) Pajpijiet mhux f'posthom | X | X | |
| 1.1.12. | Manek flessibbli tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | X | X |
| | | (b) Manek bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq. | X | X | |
| | | (c) Manek jew konnessjonijiet li joqtru. | | X | X |
| | | (d) Manek minfuħin bil-pressjoni. | | X | X |
| | | (e) Manek porużi. | | X | |
| 1.1.13. | Kisi u pads ta' brejkijiet | (a) Il-kisi jew il-pad mittiekla wisq. | | X | X |
| | | (b) Il-kisi jew il-pad ikkontaminata (żejt, grease, eċċ). | | X | X |
| | | (c) Il-kisi jew il-pad nieqsa | | | X |

| Oġġett | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| 1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | (a) Id-drum jew id-disk mittiekla wisq, imsadda jew fiha taħfir jew qsim, mhux imwaħħla sod jew maqsuma. | | X | X |
| | (b) Id-drum jew id-disk ikkontaminata (żejt, grease, eċċ). | | X | X |
| | (c) Drum jew disk nieqsa. | | | X |
| | (d) Il-back plate mhux imwaħħal sod. | | X | |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u linkages tal-brejkijiet | (a) Kejbils bil-ħsara jew mgħaqqda. | | X | X |
| | (b) Komponent mittiekel wisq jew imsaddad. | | X | X |
| | (c) Kejbil, virga jew joint mhux imwaħħla sod. | | X | |
| | (d) Gwida tal-kejbils difettużai. | | X | |
| | (e) Restrizzjoni għall-muviment ħieles tas-sistema tal-brejkijiet. | | X | |
| | (f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/linkage li jindika twaħħil ħażin jew tekil eċċessiv. | | X | |
| 1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawlċi) | (a) Actuator maqsum jew bil-ħsara. | | X | X |
| | (b) Actuator joqtor. | | X | X |
| | (c) Actuator jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | X |
| | (d) Actuator imsaddad wisq. | | X | X |
| | (e) Muviment nieqes jew eċċessiv tal-pistuni jew tal-mekkaniżmu tad-diaframma. | | X | X |
| | (f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab għandu ħsara kbira jew mhux hemm. | X | X | |
| 1.1.17. Valv li jħoss it-tagħbija | (a) Linkage difettuż. | | X | |
| | (b) Linkage mqiegħed ħażin. | | X | |
| | (c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx. | | X | X |
| | (d) Ma hemmx valv. | | | X |
| | (e) Ma hemmx pjanċa tad-dejta. | X | | |
| | (f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | | |
| 1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | (a) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, tekil eċċessiv jew aġġustament mhux korrett. | | X | |
| | (b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż. | | X | |

| Oġġett | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | (c) Mhux installat jew mibdul tajjeb. | | X | |
| 1.1.19. Sistema EBS (Endurance Breaking System) (meta mgħammra jew meħtieġa) | (a) Konnetturi jew mountings mhux imwaħħlin sew. | X | X | |
| | (b) Is-sistema għandha difetti ċari jew ma hemmx sistema | | X | |
| 1.1.20. Tħaddim awtomatiku tal-brejkijiet tat-trejlers | Il-brejk tat-trejler ma jidħolx awtomatikament xħin il-coupling jiġi skonnettjat | | | X |
| 1.1.21. Sistema kompleta ta' brejkijiet | (a) Mezzi oħra tas-sistema (eż. il-pompa tal-anti-freeze, id-dryer tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin wisq tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-brejkijiet. | | X | X |
| | (b) Tnixxija tal-arja jew tal-anti-freeze. | X | X | |
| | (c) Kwalunkwe komponent li mhux imwaħħlal sod jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | (d) Tiswija jew modifika ħażina ta' kwalunkwe komponent ([1]). | | X | X |
| 1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall-eżaminar (meta mgħammra jew meħtieġa) | (a) Ma hemmx. | | X | |
| | (b) Bil-ħsara, ma jistgħux jintużaw jew joqtru. | X | X | |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brake | | | | |
| 1.2.1. Prestazzjoni **(E)** ([b]) | (a) Saħħa ta' bbrejkjar inadekwata fuq rota waħda jew iżjed. | | X | X |
| | (b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata mir-rota l-oħra ta' fuq l-istess fus. Jew fil-każ ta' eżaminar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva. | | X | X |
| | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrekjar (qbid). | | X | |
| | (d) Dewmien anormali fil-funzjonament tal-brejkijiet ta' kwalunkwe rota. | | X | |
| | (e) Is-saħħa tal-brejkijiet tvarja wisq f'kull-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. | | X | |
| 1.2.2. Effiċjenza **(E)** ([b]) | Mhiex talanqas iċ-ċifra minima ta' hawn taħt:<br>Kategorija N1: 45 %<br>Kategoriji M1, M2 u M3: 50 % ([2])<br>Kategoriji N2 u N3: 43 % ([3])<br>Kategoriji O2,O3 u O4: 40 % ([4]) | | X | X |

| Oġġett | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| 1.3. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk milħuqa permezz ta' sistema separata) | | | | |
| 1.3.1. Prestazzjoni **(E)** ([b]) | (a) Saħħa ta' bbrejkjar inadekwata fuq rota waħda jew iżjed | | X | X |
| | (b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus speċifikat. Jew fil-każ ta' eżaminar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva. | | X | X |
| | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrekjar (qbid). | | X | X |
| 1.3.2. Effiċjenz | Saħħa ta' bbrejkjar inqas minn 50 % ([5]) tal-prestazzjoni tas-service brake definita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semitrejlers, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus. (għajr L1e u L3e). | | X | X |
| 1.4. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | | | |
| 1.4.1. Prestazzjoni **(E)** ([b]) | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda, jew fil-każ ta' eżaminar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva. | | X | X |
| 1.4.2. Effiċjenza **(E)** ([b]) | Għall-kategoriji kollha tal-vetturi, ma tagħtix lanqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, 12 % fir-rigward tal-massa kkumbinata massima awtorizzata tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar. | | X | X |
| 1.5. Prestazzjoni tal-EBS | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost). | | X | |
| | (b) Is-sistema ma taħdimx. | | X | |
| 1.6. Sistema ta' brejkijiet anti-lock (ABS) | (a) Il-mezz ta' twissija mhux jaħdem sew. | | X | |
| | (b) Il-mezz ta' twissija jindika li s-sistema mhix taħdem sew. | | X | |
| | (c) Is-sensuri tal-veloċità tar-roti mhumiex hemm jew bil-ħsara. | | X | |
| | (d) Il-wirings bil-ħsara. | | X | |
| | (e) Komponenti oħra mhumiex hemm jew bil-ħsara. | | X | |
| 1.7. Sistema elettronika ta' brejkijiet (EBS) | (a) Il-mezz ta' twissija mhux jaħdem sew. | | X | |
| | (b) Il-mezz ta' twissija jindika li s-sistema mhix taħdem sew. | | X | |

| Oġġett | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| **8. EFFETTI NEGATTIVI** | | | | |
| 8.1. L-Istorbju | | | | |
| 8.1.1. Sistema li trażżan l-istorbju | (a) Il-livelli tal-istorbju huwa ogħla minn dawk permessi bir-rekwiżiti ([a]). | | X | |
| | (b) Kwalunkwe parti mis-sistema li trażżan l-istorbju hija laxka, tista' taqa', bil-ħsara, imwaħħla ħażin, mhiex hemm jew modifikata b'mod ċar li se taffettwa ħażin il-livelli tal-istorbju. | | X | X |
| 8.2. L-emissjonijiet tal-egżost | | | | |
| 8.2.1. L-emissjonijiet minn magna tal-petrol | | | | |
| 8.2.1.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet mgħammar mill-manifattur mhux hemm, modifikat jew jidher ċar li huwa difettuż. | X | X | |
| | (b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. | | X | |
| 8.2.1.2. Emissjonijiet tal-gass **(E)** ([b]) | (a) Jew, l-emissjonijiet tal-gass huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur. | | X | |
| | (b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO huma ogħla minn,<br>(i) għal vetturi li mhumiex ikkontrollati permezz ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br>— 4,5 %, jew<br>— 3,5 %<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikata fir-rekwiżiti ([a]);<br>(ii) għal vetturi li huma kkontrollati permezz ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br>— bil-magna f'veloċità minima: 0,5 %<br>— bil-magna f'veloċità minima għolja: 0,3 %<br>jew<br>— jew bil-magna f'veloċità minima: 0,3 % ([6])<br>— bil-magna f'veloċità minima għolja: 0,2 %<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikata fir-rekwiżit ([a]). | | X | |
| | (c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1 ± 0,03 jew ma jaqbilx mal-ispeċifikazzjoni tal-mamifattur | | X | |
| | (d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin ħafna. | | X | |
| | (e) Il-kejl permezz ta' sensur mill-bogħod jindika nuqqas ta' konformità kbir. | | X | |

| Oġġett | Nuqqasijiet | Linjigwida għal valutazzjoni ta' difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| 8.2.2. L-emissjonijiet minn magna tad-diżil | | | | |
| 8.2.2.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet mgħammar mill-manifattur mhux hemm jew jidher ċar li huwa difettuż | X | X | |
| | (b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet | | X | |
| 8.2.2.2. Opaċità<br>**(E)** ([b])<br>Vetturi reġistrati jew li ntużaw għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit | (a) Għal vetturi reġistrati jew użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti(a) ([a]),<br>l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura; | | X | |
| | (b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżit ([a]) ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br>għal magni li jiddependu mill-pressjoni atmosferika biex jiġbdu l-arja għall-kompressjoni (naturally aspirated engines): 2.5 $m^{-1}$,<br>għal magni turbo-charged: 3.0 $m^{-1}$,<br>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti ([a]) or first registered or put into service for the first time after the date specified in requirements ([a]), jew reġistrati użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti<br>1.5 $m^{-1}$ ([7]). | | X | |
| | (c) Il-kejl permezz ta' sensur mill-bogħod jindika nuqqas ta' konformità kbir | | X | |
| 8.4. Elementi oħra relatati mal-ambjent | | | | |
| 8.4.1. Tnixxija ta' likwidi | Kwalunke tnixxija eċċessiva ta' likwidu li aktarx tħammeġ l-ambjent jew tkun riskju għas-sikurezza ta' utenti oħra tat-triq | | X | X |

([1]) Tiswija jew modifika inadekwata tfisser tiswija jew modifika li taffettwa ħażin is-sikurezza tat-triq tal-vettura jew li għandha effett negattiv fuq l-ambjent.
([2]) 48 % għal vetturi li mhumiex mgħammrin b'sistema ABS jew li jkunu ġew approvati għat-tip qabel l-1 ta' Ottubru 1991.
([3]) 45 % għal vetturi reġistrati wara l-1988 jew id-data speċifikata fir-rekwiżiti, skont liema tkun l-aktar data reċenti.
([4]) 43 % għal semitrejlers u trejlers draw-bar reġistrati wara l-1988 jew id-data fir-rekwiżiti, skont liema waħda hija l-iktar riċenti.
([5]) 2,2 $m/s^2$ għal vetturi N1, N2 u N3.
([6]) Bit-tip approvat skont il-limiti indikati fir-ringiela A jew B tat-Taqsima 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE (ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1) jew aktar tard, jew skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu wara l-1 ta' Lulju 2002.
([7]) Bit-tip approvat skont il-limiti indikati fir-ringiela B tat-Taqsima 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE jew aktar tard; ir-ringiela B1, B2 jew C tat-Taqsima 6.2.1 tal-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 33) jew aktar tard, jew skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni/użu wara l-1 ta' Lulju 2008.

*Noti:*

([a]) "rekwiżiti" jiġu stipulati permezz ta' rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip fid-data meta ssir l-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew meta jintużaw għall-ewwel darba, kif ukoll ta' obbligi ta' installazzjoni ta' tagħmir modern jew tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni.
([b]) (E) Għall-eżaminar ta' dan l-oġġett huwa meħtieġ tagħmir.